

32007L0018

28.3.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 87/9

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/18/KE****tas-27 ta' Marzu 2007****LI TEMENDA D-DIRETTIVA 2006/48/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR L-ESKLUŻJONI JEW L-INKLUŻJONI TA' ĊERTI ISTITUZZJONIJET MILL-AMBITU TA' L-APPLIKAZZJONI U TAT-TRATTAMENT TA' *EXPOSURES* GĦALL-BANEK TA' ŻVILUPP MULTILATERALI****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tal-kummerċ ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (kif ifformulata mill-ġdid)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari [punti (d) u (l) ta' l-Artikolu 150(1)] tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/48/KE jelenka dawk l-istituzzjonijiet espliċitament esklużi mill-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.
- (2) Il-Ministeru Daniż għall-Affarijiet Ekonomiċi u Kummerċjali talab biex id-Dansk Landbrugs Realkreditfond jitħassar mil-lista fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/48/KE. Studju ta' l-istatus legali u ta' l-istruttura partikolari tad-Dansk Landbrugs Realkreditfond jiġġustifika t-tneħħija tiegħu mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/48/KE. Il-Ministeru Daniż għall-Affarijiet Ekonomiċi u Kummerċjali talab ukoll sabiex l-isem Danmarks Skibskreditfond jinbidel għal Danmarks Skibskredit A/S, minħabba l-bidla fl-isem ta' din l-istituzzjoni.
- (3) L-Anness VI, Parti 1, punt 20 tad-Direttiva 2006/48/KE jelenka l-*exposures* tal-banek ta' żvilupp multilaterali li lilhom għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 0%.

<sup>1</sup> ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

- (4) Il-Bank Dinji, filwaqt li jaġixxi f'isem il-Faċilità Internazzjonali ta' Finanzjament għall-Immunitazzjoni, talab għall-inklużjoni ta' dan ta' l-aħħar fil-lista fl-Anness VI, Parti 1, punt 20 tad-Direttiva 2006/48/KE.
- (5) Il-Faċilità Internazzjonali ta' Finanzjament għall-Immunitazzjoni hija forma ġdida ta' istituzzjoni internazzjonali għall-finanzjament ta' l-iżvilupp. Għandha bażi finanzjarja kkostitwita minn obbligi ta' pagamenti li jkunu jorbtu legalment ('għotjiet') u li ġejjin minn donaturi tal-gvernijiet ċentrali. Il-fondi mislufa mill-Faċilità Internazzjonali ta' Finanzjament għall-Immunitazzjoni fis-swieq kapitali internazzjonali sejrjn jiffinanzjaw il-programmi ta' l-immunitazzjoni f'70 mill-ifqar pajjiżi tad-dinja. Il-Faċilità Internazzjonali ta' Finanzjament għall-Immunitazzjoni għandha taġixxi bħala bank għall-Alleanza Globali għat-Tilqim u l-Immunitazzjoni biex tipprovdi fondi li għandhom jiġu distribwiti bħala għotjiet fil-programmi ta' l-immunitazzjoni fil-pajjiżi fi żvilupp li huma eliġibbli. Il-Faċilità Internazzjonali ta' Finanzjament għall-Immunitazzjoni għandha tikkummissjona ż-żewġ attivitajiet primarji tagħha lill-entitajiet multinazzjonali eżistenti: il-finanzjament, il-ġestjoni finanzjarja u l-ġestjoni tar-riskju għandhom jiġu kkummissjonati lill-Bank Dinji u l-ġestjoni tal-programmi u l-funzjonijiet tas-segretarjat għandhom jiġu mogħtija lill-Alleanza Globali għat-Tilqim u l-Immunitazzjoni .
- (6) Il-Faċilità Internazzjonali ta' Finanzjament għall-Immunitazzjoni għandha profil ta' riskju ekwivalenti għall-banek ta' żvilupp multilaterali elenkati fl-Anness VI, Parti 1, punt 20 tad-Direttiva 2006/48/KE u hija għalhekk eliġibbli sabiex tiġi inkluża fl-Anness VI, Parti 1, punt 20 u għalhekk tgawdi mill-piż tar-riskju ta' 0% kif stabbilit f'dik id-dispożizzjoni.
- (7) Il-Bank Iżlamiku għall-Iżvilupp talab li jiġi inkluż fil-lista fl-Anness VI, Parti 1, punt 20 tad-Direttiva 2006/48/KE.
- (8) Il-Bank Iżlamiku għall-Iżvilupp ġie mwaqqaf mill-gvernijiet ta' 29 pajjiż b'popolazzjonijiet li l-biċċa l-kbira tagħhom huma Musulmani, għall-iskop ta' trawwim ta' żvilupp ekonomiku u ta' progress soċjali tal-pajjiżi msieħba u tal-komunitajiet Musulmani, kemm individwalment kif ukoll kollettivament u dan skond ir-regoli tax-"Shariah." Il-Bank Iżlamiku għall-Iżvilupp jista' jwettaq kull attività li tista' tmexxi 'l quddiem dan il-għan. Il-ftehim isemmi b'mod espliċitu e.g. l-investimenti ta' ekwità, is-self, il-finanzjament tal-kummerċ u l-assistenza teknika.
- (9) Il-Bank Iżlamiku għall-Iżvilupp għandu profil ta' riskju ekwivalenti għall-banek ta' żvilupp multilaterali enumerati fl-Anness VI, Parti 1, punt 20 tad-Direttiva 2006/48/KE u huwa għalhekk eliġibbli sabiex jiġi inkluż fl-Anness VI, Parti 1, punt 20 u b'hekk igawdi mill-piż tar-riskju ta' 0% kif stabbilit f'din id-dispożizzjoni.
- (10) Id-Direttiva 2006/48/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.
- (11) Il-miżuri pprovdu f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Banek Ewropej,

## ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2006/48/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, ir-raba' inċiż huwa mibdul b'dan li ġej:

"- fid-Danimarka, id-"Dansk Eksportfinansieringsfond", il-"Danmarks Skibskredit A/S", u l-"KommuneKredit;"

(2) Fl-Anness VI, Parti 1, il-punt 20 huwa mibdul b'dan li ġej:

"20. L-*exposures* għall-banek ta' żvilupp multilaterali li ġejjin għandu jkollhom piż tar-riskju ta' 0 %:

- (a) il-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp;
- (b) il-Korporazzjoni Internazzjonali tal-Finanzi;
- (c) il-Bank għall-Iżvilupp Inter-Amerikan;
- (d) il-Bank għall-Iżvilupp Ażjatiku;
- (e) il-Bank għall-Iżvilupp Afrikan;
- (f) il-Bank tal-Kunsill ta' l-Ewropa għall-Iżvilupp
- (g) il-Bank Nordiku għall-Investment ;
- (h) il-Bank Karibew għall-Iżvilupp;
- (i) il-Bank Ewropew għal Rikostruzzjoni u Żvilupp;
- (j) il-Bank Ewropew għall-Investment;
- (k) il-Fond Ewropew ta' l-Investment;
- (l) l-Aġenzija għall-Garanzija ta' Investment Multilaterali;
- (m) il-Faċilità Internazzjonali ta' Finanzjament għall-Immunnizzazzjoni; kif ukoll
- (e) il-Bank Iżlamiku għall-Iżvilupp.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membru għandhom jadottaw u jipubblikaw sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2007, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi

meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom mingħajr dewmien jipprovdu lill-Kummissjoni bit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u b'tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Ottubru 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif trid issir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

### *Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

### *Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' Marzu 2007.

*Għall-Kummissjoni  
Charlie McCREEVY  
Membru tal-Kummissjoni*